MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 60/2013

**Mario Gauci**

**vs**

**Jason Vella u martu Susan Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Mario Gauci, li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

L-esponenti hallas bhala akkont is-somma ta’ hmistax-il elf Ewro (€15,000) u dan bhala akkont tal-prezz fuq proprjeta’ ta’ garaxx minghajr numru u isem fil-livell ta’ semi-basement, liema garaxx huwa sottostanti proprjeta’ tal-kumpanija kummercjali CT Real Estate Limited jew l-aventi causa fi Triq San Guzepp, il-Mellieha, konfinanti l-istess garaxx mit-Tramuntana ma’ Triq San Guzepp, mill-Punent ma’ proprjeta’ ta’ CT Real Estate jew l-aventi

causa, mil-Lvant ma' proprjeta' ta' individwu kunjomu Muscat, liberu u frank, liema akkont li thallas fuq konvenju datat 30 ta' Jannar 2012 li gie mgedded fil-25 ta' Lulju 2012 u li skada fis-26 ta' Ottubru 2012 u ma giex pubblikat il-kuntratt tal-akkwist u ghalhekk dan l-ammont imhallas mir-rikorrenti bhala akkont kellu b'mod immedjat jigi rifuz lura lir-rikorrenti.

L-esponenti baghat ittra ai termini tal-Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta lill-intimati biex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-akkwist, ghal-liema ittra, il-konvenuti baqghu inadempjenti minghajr raguni valida skont il-Ligi bil-konsegwenza li l-kuntratt tal-akkwist ma giex ippubblikat u li d-depozitu mhallas mill-attur u cioe' dak ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) baqa' qatt ma gie rifuz lilu mill-konvenuti intimati;

Peress li dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut lill-attur rikorrenti, huwa tal-fehma li l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet tar-rikorrenti.

Talbu r-rikorrenti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi l-kawza skont it-talba bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tiddikjara lill-intimati debituri tal-attur fl-ammont ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000);

Tikkundanna u tordna lill-intimati jhallsu lill-attur, l-ammont hekk dovut flimkien mal-imghax legali mid-data tas-26 ta' Ottubru 2012, id-data ta' meta skada l-konvenju bejn il-partijiet, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ April 2013, li permezz tieghu, il-Qorti akkordat lill-intimati ghoxrin jum biex iressqu twegiba guramentata ghall-kawza.

Rat li minkejja dan, l-intimati ghazlu li ma jressqu ebda nota ta’ eccezzjonijiet.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi huwa doveruz ghall-Qorti li tinnota illi fl-insenjament ta’ dawn il-Qrati, l-istat ta’ kontumacja ta’ persuna li ssir kawza kontriha ma titqies qatt li hija ammissjoni tat-talbiet. Jibqa’ dejjem l-obbligu tal-attur li jipprova li t-talba tieghu hija gustifikata.

Fil-kaz in ezami, kemm id-dokumenti esebiti kif ukoll ix-xhieda prodotti jwasslu ghall-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u jisthoqqilha li tintlaqa’.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-tieni u t-tielet talba tal-attur; bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Jason Vella u Susan Vella.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------